**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 50 - IT-TLIETA 30 TA' AWWISSU 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier (wasal fis-19:39) |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm preżenza ta' pubbliku. | |

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) għarraf li l-Kunsillier Agius kien infurmah b'email li ma setax jattendi għal-laqgħa u għalhekk kien skużat. Kopja tal-email hija annessa f'A.

1.2. Il-Kunsill kien imfakkar ukoll fl-avviż mingħand qraba tal-Kunsillier Galea li kien se jkun indispost għal numru ta' laqgħat.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE qara l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Sciberras. Il-ħin kien it-19:39.

2.3. Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**3. PUNTI MILL-MINUTI**

3.1. Il-Kunsillier Brincat issuġġerixxa li tkun iffissata data mill-ewwel dwar punt numru 3.7. Wara diskussjoni qasira kien hemm il-qbil li ssir fl-4 ta' Ottubru fis-19:30. Minn din id-diskussjoni kien hemm qbil ukoll li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir fis-27 ta' Settembru fis-19:30.

3.2. Fir-rigward tal-punt numru 7, is-SE informa li kien tkellem mal-perita li kienet ħadmet fuq il-*master plan*, u informa li kienet entużjasta bl-idea u tat ukoll xi ideat, bħal li jkunu involuti disinjaturi differenti.

3.3. Is-Sindku infurmat li kienet tkellmet ma' Perit li aċċetta wkoll.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

4.1. Is-Sindku infurmat li kienet waslet **stedina mingħand il-Kunsill ta' Strumyani fil-Bulgarija** biex hi, il-Viċi Sindku, is-SE u Kunsillier ieħor iżuru Strumyani bejn il-21 u t-23 ta' Ottubru 2016 biex jattendu għall-Festival Internazzjonali tal-Folklor bl-isem *Maleshevo Sings and Dances*. Hija fakkret li jidher li kien hemm qbil minn qabel il-laqgħa li l-Kunsillier l-ieħor ikun Marlon Brincat. Infurmat ukoll li minħabba impenji oħra ma setgħetx tattendi u kienet qed tressaq isem il-Kunsilliera Cuomo biex tattendi flimkien mal-Viċi Sindku, is-SE u l-Kunsillier Brincat.

4.2. Il-Kunsilliera Cuomo rringrazzjat lis-Sindku talli għażlet li tinnomina lilha, però infurmat li lanqas hi ma setgħet tmur.

4.3. F'dan l-istadju l-Kunsill ħass li għandu jilqa' l-istedina bi tliet persuni biss (il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Brincat u s-SE).

4.4. Is-SE ippreżenta ċ-**Ċirkulari DLG-16/2016 dwar ħatra ta' Deputat SE**. Madanakollu l-Kunsill iddeċieda li f'dan l-istadju ma jiddiskutihiex minħabba li kienet qed tintalab aktar informazzjoni u kjarifika.

4.5. Il-Kunsill kien infurmat li kien irċieva proposta mill-Italja biex jingħaqad bħala sieħeb fi **proġetti taħt il-programm l-Ewropa għaċ-Ċittadin**. Is-Sindku u l-Viċi Sindku stqarrew li s-suġġetti ta' dawn il-proġetti partikulari m'humiex fil-prijorità tal-Kunsill u l-finanzjament għalihom huwa baxx ħafna. Apparti dan, u ta' importanza huwa l-fatt li ma kienx hemm biżżejjed ħin biex il-Kunsill japplika għal xi wieħed minn dawn proġett. Il-Kunsill qabel li din id-darba ma japplikax.

4.6. Il-Viċi Sindku infurmat li ġiet avviċinata minn xi residenti minn San Pawl tat-Tarġa li xtaqu jibnu minn buthom **niċċa fir-*Rock Garden* ta' Triq ir-Raħeb Kurradu**. Hija esibiet ritratt ta' niċċa simili. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux ikollu oġġezzjoni bil-patt u l-kundizzjoni li l-art tibqa' pubblika u li l-manutenzjoni tibqa' fir-responsabbiltà tal-istess residenti.

## 5. SOSPENSJONI TAL-LAQGĦA

5.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jipposponi l-laqgħa għal ftit ħin biex jisma proposta u jsegwi dimostrazzjoni dwar ***Automated External Defibrillator* (AED)** minn ċertu Mark Gatt, *rescue volunteer* uffiċjali. Il-ħin kien it-19:55.

5.2. Is-Sur Gatt kien qiegħed jippro ni lill-Kunsilli Lokali biex jinvestu f'AED bil-għan li jkunu installati f'postijiet ċentrali ħalli f'każ li jkun hemm il-bżonn tagħhom jintlaħqu malajr għaliex huwa ppruvat li azzjoni malajr issalva ħajja ta' bniedem. Huwa informa li l-prezz ta' waħda hija bejn €800 - €1900 u jaħdmu bil-batterija li sservi sa sitt snin.

## 6. TKOMPLIJA TAL-LAQGĦA

6.1. Fit-20:11 l-Kunsill irringrazzja lis-Sur Gatt tal-intervent u seta' jkompli bil-laqgħa.

6.2. Wara diskussjoni dwar il-preżentazzjoni mis-Sur Mark Gatt, kien hemm il-qbil li l-Kunsill għandu jipproċedi biex jixtri **AED** iżda preferibbilment jinstab sponsor.

6.3. Il-Kunsill għadda biex jiddiskuti n-**nuqqas ta' attendenza tal-Kunsillier Clifford Galea.** Is-SE informa li kien qiegħed jitressaq dan is-suġġett skont il-provvediment tal-artiklu 18 tal-liġi. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill unanimament qabel li r-raġuni tan-nuqqas hija ġustifikata filwaqt li huwa konxju li, minħabba raġunijiet ta' saħħa, ma jistax jattendi għal numru ta' laqgħat. Għalhekk il-Kunsill qiegħed iqis ukoll bħala ġustifikat in-nuqqas tiegħu għal-laqgħat li ġejjin sakemm jibqa' rikoverat.

Għal dan il-għan il-Kunsill talab lis-SE biex, meta jinforma lill-Ministru, jirrakkomandalu biex ma jiddikjarax il-post vakant.

6.4. Is-SE informa li l-Kunsill irċieva talba mill-iskola sajf sabiex issir attività sportiva żgħira fil-grawnd faċċata tal-Kunsill il-Ħamis l-1 ta' Settembru. Xtaqu li jkunu mislufa l-PA tal-Kunsill u li s-Sindku jew xi ħadd ieħor jagħmel kelmtejn ta' introduzzjoni. Kien suġġerit ukoll li l-istudenti jingħataw flixkun ilma. Il-Kunsill qabel.

6.5. Is-SE informa li l-Bicycle Advocacy Group (BAG) issuġġerew li l-Kunsill jintroduċi ammont ta bicycle racks, kif ukoll bye law li tippreveni li dawn ikunu ostakolati. Il-Kunsill qabel.

6.6. Dwar email mid-DLG dwar il-Ġimgħa Ewropea 2016 li ssir kull sena, il-Kunsill qabel li jressaq isem il-Viċi Sindku għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat Reġjonali bħala persuna interessata li tattendi.

6.7. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sammut talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien it-20:22.

6.8. Is-SE informa li kien qed jinħass il-bżonn ta' impjieg ta' skrivan/a ġdid/a fil-Kunsill. Il-Kunsill qabel li din tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

6.9. Is-SE informa li waslet talba minn tliet negozji fil-parti ċentrali ta' Vjali il-21 ta' Settembru, sabiex tinbidel il-bankina taż-żona bi sħab mal-Kunsill. Talbu wkoll li l-*bus stop* eżistenti (quddiem il-ħanut Verve) titmexxa aktar 'il fuq fuq it-*traffic island*. Is-SE spjega li kien ġab xi stimi għan-negozjanti, però dawn qalu li ma jifilħux iħallsu s-somma kollha waħedhom, u għalhekk qed jitolbu li l-Kunsill joħroġ 50% tal-ispejjez.

6.10. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għaliex insista li l-bankini jissewwew skont il-prijoritajiet. Fir-rigward taċ-ċaqlieq tal-bus stop, il-Kunsill jikkunsidra t-talba meta jkun wasal iż-żmien li jsir ix-xogħol fuq il-bankina.

6.11. Is-SE informa li għal sena oħra l-Kunsill ibbenefika mill-iskema tal-libreriji, fejn ingħata s-somma ta' €600 biex jinxtraw kotba ġodda. Fakkar li ma' dawn il-Kunsill irid joħroġ l-istess ammont hu għall-istess għan.

6.12. Is-SE informa ukoll li kienet saret laqgħa mal-entitajiet involuti fil-festa tar-raħal, ġewwa l-Kunsill biex ikunu diskussi kwistjonijiet relatati mal-festa. Preżenti kien hemm ukoll il-Viċi Sindku u uffiċjali tal-Kunsill kif ukoll uffiċjali għolja tal-Korp tal-Pulizija (il-Maġġur, l-Ispettur u s-Supretendent).

6.13. Il-Kunsillier Gatt informa li hu flimkien mas-SE kienu iltaqgħu mal-kuntrattur tal-knis. Minn din il-laqgħa ħareġ li l-knis qed jitjieb, però fejn jidħol qtugħ ta' ħaxix ħażin għad hemm lok kbir għat-titjib fis-servizz. Is-SE ġibed l-attenzjoni li għad fadal tliet xhur qabel ma l-Kunsill jiddeċiedi jridx jikkonferma l-Kuntratt jew le.

6.14. Is-SE informa li waslet talba sabiex Triq Gibiltà tiżdied mal-lista ta' prioritajiet tat-toroq. Il-Kunsill qabel li titpoġġa wara t-toroq li hemm fil-lista preżenti.

6.15. Is-SE informa li, dwar l-attività proposta għall-Jum Dinji tat-Tfal (Novembru) mill-Kummissarju tat-Tfal Pauline Miceli għandu proposta mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar biex issir attività flimkien. L-attivitajiet għandhom ikunu organizzati mit-tfal, għat-tfal. L-attivitajiet għandhom isiru f'dati matul il-ġimgħa ta' qabel il-21 ta' Novembru.

6.16. Wara diskussjoni qasira kien hemm il-qbil li din l-attività tiġi abbinata mal-Kampanja Familja Attiva, u jieħu ħsiebha s-sottokumitat li qed jieħu ħsieb din il-kampanja.

6.17. Is-SE ippreżenta r-rapport dwar sistema ta' one way fi Triq San Injazju ta' Loyola (anness f'B). Il-Kunsill qabel li jmexxi skond il-proposta oriġinali.

6.18. Is-SE informa li waslet talba lill-Kunsill biex jitwaħħlu reklami forma ta' bajda xi mkien ċentrali għal tul ta żmien. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li jintalbu jgħamlu permess normali ta' reklamar.

6.19. Is-SE informa li kien ħalla dokument għal kull Kunsillier dwar it-*12 Principles of Good Government*. Huwa appellalhom biex jifluh għaliex permezz tiegħu mhux biss il-Kunsill qiegħed japplika għar-rikonoxximent tal-European Label of Governance Excellence, iżda jkun jista' jtejjeb is-servizz lill-pubbliku.

## 7. ĦLAS TA' KONTIJIET, RENDIKONTI FINANZJARJI U INFIQ

7.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'Ċ.

7.2. Il-Kunsill approva wkoll il-listi ta' dħul u infiq, kif annessi f'D u E rispettivament.

## 8. IL-WEBSITE TAL-KUNSILL

8.1. Is-SE informa lill-Kunsilliera li kien bgħatilhom *link* kif ukoll *username* u *password* biex ikunu jistgħu jaċċessaw u jaraw il-website il-ġdida tal-Kunsill, filwaqt li beda juri xi paġni li diġà huma lesti.

8.2. Issuġġerixxa li l-Kunsill jgħażel *Content Creator* li jkun jista jikteb artikli kulljum biex jitpoġġew fuq il-website.

8.3. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa għall-offerti għal *Content Creator*.

8.4. Kien hemm il-qbil ukoll li jittieħdu ritratti professjonali tal-Kunsilliera kollha sabiex ikunu fuq il-website.

## 9. L-ATTIVITAJIET GĦAX-XHUR LI ĠEJJIN

9.1. Il-Viċi Sindku fakkret li kienet se ssir il-Kampanja Familja Attiva, fit-8 u 9 ta' Ottubru li ġej. Infurmat ukoll li ġimgħa qabel se ssir konferenza stampa.

9.2. Kompliet billi tgħid li se jkun hemm parteċipazzjoni min-naħa ta' YUE; Appoġġ, li se jkollhom xi stalls; id-Dipartiment tas-Saħħa; Wasteserv; GreenPak u 34U.

## 10. TMIEM IL-LAQGĦA

10.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 2016 fis-19:30.

10.2. Il-laqgħa intemmet fl-21:45.

| | |
|---|---|
| **MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD*** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

**A**

Gmail

Paul Gatt <[redacted]>

# Il laqgha nru 50

**Alexander Agius** <[redacted]> 29 August 2016 at 18:43
To: Paul Gatt <[redacted]>, Paul Gov <[redacted]>

Ghaziz Sur Gatt

Nixtieq ninfurmak li mhux se nkun nista nattendi l-laqgha nru 50 minnhabba li ghandi loghba kontra s-Siggiewi fil-grawnd tas-Siggiewi li tibda fit-8:00pm. Jien inkun irrid inkun hemm tal-anqas mis-6:00pm minnhabba l-kits u ghandi hemm sa xil-11:00pm.

Alexander Agius

B

# Rapport dwar il-konsultazzjoni dwar proposta ta' one way fi Triq San Injazju ta' Loyola.

Hawn taħt qed nelenka r-riżultati minn din il-konsultazzjoni:

**Ittri mqassma: 80**

**Toroq ikkunsidrati milquta (fejn tqassmu l-ittri):** Triq San Injazju ta' Loyola.

**Wieġbu li qablu:** 8

**Wieġbu li qablu (b'xi tibdil):** 1

**Wieġbu li ma qablux:** 0

**Ma wieġbux:** 71 *(skond l-ittra li bgħattna, min ma jweġibx ifisser li jaqbel)*

**Kummenti addizzjonali li ngħataw:**
- Jiġu mmarkati sinjali sofor faċċata tar-residenzi minħabba li t-triq hija dejqa.

**Annessi:**
A) Kopja tal-ittra mibgħuta lir-residenti.
B) Skeda ta' risposti
C) Ritratti tas-sitwazzjoni tal-parkeġġ.

**Paul Gatt**
Segretarju Eżekuttiv

10 ta' Mejju 2016

ċ

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 50

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mid-29 ta' Lulju 2016 sat-23 ta' Awwissu 2016**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Alan Delceppo | €110.00 | €110.00 | NA | PF | Refundable deposit for placing machinery in Triq is-Salib | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19954 |
| 2 | ~~Alberta~~ | ~~€41.30~~ | ~~€41.30~~ | ~~D~~ | ~~PF~~ | ~~Field service - repair~~ | ~~29-07-16~~ | ~~34843~~ | ~~5544a~~ | ~~5544a~~ | ~~2330~~ | - |
| 3 | Anne De Giorgio | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq l-Imdina | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19941 |
| 4 | Antoine Zammit | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Jules Verne | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19940 |
| 5 | Antonella Jane Gauci | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq l-Alfier | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19943 |
| 6 | Archway Ironmongery | €64.30 | €64.30 | D | PF | Karretta, galv. Wire, cable ties, etc | 08-06-16 | 38047 | 5520, 5529 & 5541 | 5520, 5529 & 5541 | 2210 | |
| 7 | Arms Ltd | €559.13 | €559.13 | NA | PF | Electricity & water consumption bill for NLC offices [11/06/2016 till 11/07/2016] | 28-07-16 | 22540896 | n/a | n/a | 2130 | 19864 |
| 8 | Arms Ltd | €21.40 | €21.40 | NA | PF | Electricity & water consumption bill for the Old Mill in Triq Giuseppe Stivala [14/5/2016 till 15/7/2016] | 11-08-16 | 22603978 | n/a | n/a | 2130 | 19949 |
| 9 | B. Grima & Sons Ltd | €750.00 | €750.00 | D | PF | Supply and install 2 solar powered signs for the zebra crossing in Triq San Pawl (GS area) | 11-08-16 | 10005885 | 5476 | 5476 | 2313 | |
| 10 | Bitmac Works Ltd | €54.60 | €54.60 | K | PF | Instant road repair | 29-07-16 | 130868 | 5550a | 5550a | 2311 | |
| 11 | Carol Cassar | €750.00 | €750.00 | D | PF | Tuition of Aerobics Class & 2 Pilates Classes for Naxxar [Apr till Jun 16] | 28-07-16 | 22 | 5459a | 5459a | 3381 | |
| 12 | Cash | €30.14 | €30.14 | NA | PF | Petty cash - end of Jul 16 | n/a | n/a | n/a | n/a | 5010 | 19859 |
| 13 | Cosyra Legal | €116.67 | €116.67 | T | PF | Legal services - Jul 16 | 11-08-16 | Nxr 4/16 | n/a | n/a | 3140 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | Department of Information | €18.64 | €18.64 | NA | PF | 2 adverts on Govt Gazette that were incl. on the 05/08/2016 issue | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 19946 |
| 15 | Dentrade Co. Ltd | €86.65 | €86.65 | D | PF | Water, soft drinks & beer for the MCCF Sept 16 | 22-08-16 | 113450 | 5566 | 5566 | 3360 | |
| 16 | Dimbros Ltd | €747.24 | €610.80 | T | PF | Bulky refuse collection - Jul 16 | 01-08-16 | 1523 | n/a | n/a | 3042 | |
| 17 | Included in number 46 | | | | | | | n/a | n/a | n/a | 1200 | 19863 |
| 18 | Environmental Landscapes Consortium Ltd | €3,047.92 | €3,047.92 | T | PF | Garden maintenance - Jul 16 | 31-07-16 | 17280 | n/a | n/a | 3061 | |
| 19 | G4S Security Services Ltd | €223.02 | €223.02 | D | PF | Cash collection service - Jul 16 | 31-07-16 | GS015100 | n/a | n/a | 3190 | |
| 20 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract manager fee - Jul 16 | 29-07-16 | 2782 | n/a | n/a | 3130 | |
| 21 | Go plc | €64.41 | €64.41 | NA | PF | Telephony monthly bill - Jul 16 (21416341) & rental charge - Aug 16 | 07-08-16 | 50042023 | n/a | n/a | 2160 | 19950 |
| 22 | Go plc | €15.58 | €15.58 | NA | PF | Rental charge - Aug 16 (21416363) | 07-08-16 | 50042027 | n/a | n/a | 2160 | 19951 |
| 23 | Go plc | €15.58 | €15.58 | NA | PF | Rental charge - Aug 16 (21417224) | 07-08-16 | 50041984 | n/a | n/a | 2160 | 19952 |
| 24 | Grace Camilleri | €243.00 | €243.00 | NA | PF | Library services - Jul 16 | 03-08-16 | Jul-16 | n/a | n/a | 2995 | |
| 25 | IGB Hardware Store | €136.25 | €136.25 | D | PF | Fidiferru, barrier tape, expanding foam, etc. | 27-05-16 | 7785 | 5508, 5522, 5533, 5540, 5559 | 5508, 5522, 5533, 5540, 5559 | 2210 | |
| 26 | Image Systems Ltd | €106.47 | €106.47 | D | PF | Ink for office's photocopier - Jul - Aug 16 | 31-07-16 | 215727 | n/a | n/a | 2670 | |
| 27 | Ing. Ray Spiteri | €141.60 | €141.60 | D | PF | Examination of lift (Civic Centre) | 09-08-16 | EMC/07/17 | 5552 | 5552 | 2375 | |
| 28 | Innovative Projects Ltd | €4,670.82 | €4,670.82 | T | PF | Street Cleaning - Jul 16 | 31-07-16 | 1129 | n/a | n/a | 3051 | |
| 29 | John Pace | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq San Pawl | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19942 |
| 30 | Jurgen Attard | €1,449.00 | €1,449.00 | T | PF | Handyman service - Jul 16 | 31-07-16 | Jul-16 | n/a | n/a | 3125 | 19860 |
| 31 | Jurgen Attard | €306.00 | €306.00 | T | PF | Football ground warden - Jul 16 | 31-07-16 | 158758 | n/a | n/a | 3191 | |
| 32 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €17.48 | €17.48 | K | PF | No waiting sign c/w pole | 09-08-16 | 22204 | 5555 | 5555 | 2313 | |
| 33 | Leo's Garage Paramount | €153.97 | €153.97 | D | PF | Transport service for the elderly - Jun 16 | 30-06-16 | 10003126 | 5472 | 5472 | 2720 | |
| 34 | Lifts Services Ltd | €59.00 | €59.00 | D | PF | Repair of fault in photocell (Naxxar Local Council's lift) | 10-08-16 | 330798 | 5529a | 5529a | 2375 | |
| 35 | Maria Deguara | €722.56 | €722.56 | NA | PF | Mayor's allowance - Jul 16 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 36 | Mario Mallia | €1,075.75 | €1,075.75 | D | PF | Black & white road marking paint, thinner, acrylic white & yellow. | 04-08-16 | 563 | 5551 | 5551 | 2312 | |
| 37 | Melita plc | €108.89 | €108.89 | NA | PF | Telephony monthly bill - Jul 16 (27013044) & internet - Aug 16 | 01-08-16 | 103351254 | n/a | n/a | 2160 | 19927 |
| 38 | Melita plc | €19.98 | €19.98 | NA | PF | TV monthly bill - Aug & Sept 16 | 01-08-16 | 103350062 | n/a | n/a | 2165 | 19928 |
| 39 | Ozomalta Ltd | €429.39 | €429.39 | T | PF | Civic Centre Cleaning - Jul 16 | 31-07-16 | 5424 | n/a | n/a | 3055 | |
| 40 | PM Pace & Mercieca | €24.42 | €24.42 | D | PF | 8 natural cork wall tiles & glue for BIC notice board | 29-07-16 | 1013156 | 5550 | 5550 | 2375 | |
| 41 | Rosario Bonnici | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refundable deposit for placing machinery in Triq Jules Verne | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19953 |
| 42 | Sammut Concrete Supplies Ltd | €278.48 | €278.48 | D | PF | Concrete C20 - qty 4 | 31-07-16 | 4225 | 5550b | 5550b | 2314 | |
| 43 | Sandro Caruana | €466.29 | €466.29 | T | PF | Cleaning of Public Convenience - Jul 16 | 31-07-16 | Nxr_Jul16 | n/a | n/a | 3053 | |
| 44 | SRF & Veladrians | €2,751.25 | €2,751.25 | T | PF | Collection of skips on wheels - Jul 16 | 01-08-16 | 640 | n/a | n/a | 3043 | |
| 45 | SRF & Veladrians | €6,466.99 | €6,466.99 | T | PF | Collection of mixed household waste - Jul 16 | 01-08-16 | 639 | n/a | n/a | 3041 | |
| 46 | Staff wages | €8,130.11 | €8,130.11 | NA | PF | Staff wages - Jul 16 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 47 | The Lighthouse Keepers | €41.91 | €41.91 | T | PF | Maintenance on street lamp | 29-07-16 | KLNX1962 | n/a | n/a | 3065 | |
| 48 | The Lighthouse Keepers | €31.34 | €31.34 | T | PF | Maintenance on street lamp | 29-07-16 | KLNX1963 | n/a | n/a | 3065 | |
| 49 | The Lighthouse Keepers | €31.98 | €31.98 | T | PF | Maintenance on street lamp | 29-07-16 | KLNX1965 | n/a | n/a | 3065 | |
| 50 | The Lighthouse Keepers | €51.42 | €51.42 | T | PF | Maintenance on street lamp | 29-07-16 | KLNX1968 | n/a | n/a | 3065 | |
| 51 | The Lighthouse Keepers | €34.82 | €34.82 | T | PF | Maintenance on street lamp | 29-07-16 | KLNX1970 | n/a | n/a | 3065 | |
| 52 | The Lighthouse Keepers | €138.93 | €138.93 | T | PF | Maintenance on street lamp | 02-08-16 | KLNX1966 | n/a | n/a | 3065 | |
| 53 | The Lighthouse Keepers | €138.93 | €138.93 | T | PF | Maintenance on street lamp | 02-08-16 | KLNX1967 | n/a | n/a | 3065 | |
| 54 | The Lighthouse Keepers | €6.97 | €6.97 | T | PF | Maintenance on street lamp | 02-08-16 | KLNX1969 | n/a | n/a | 3065 | |
| 55 | The Lighthouse Keepers | €44.72 | €44.72 | T | PF | Maintenance on street lamp | 02-08-16 | KLNX1972 | n/a | n/a | 3065 | |
| 56 | The Lighthouse Keepers | €6.97 | €6.97 | T | PF | Maintenance on street lamp | 02-08-16 | KLNX1973 | n/a | n/a | 3065 | |
| 57 | The Lighthouse Keepers | €6.97 | €6.97 | T | PF | Maintenance on street lamp | 02-08-16 | KLNX1974 | n/a | n/a | 3065 | |
| 58 | Victor Mula | €1,449.00 | €1,449.00 | T | PF | Handyman service - Jul 16 | 31-07-16 | Jul-16 | n/a | n/a | 3125 | 19861 |
| 59 | Vodafone MT | €114.40 | €114.40 | NA | PF | Telephony monthly bill - Jul 16 (79404014) | 01-08-16 | 5415854082016 | n/a | n/a | 2160 | 19944 |
| 60 | Vodafone MT | €103.99 | €103.99 | NA | PF | Telephony monthly bill - Jul 16 (99370990) | 01-08-16 | 5418722082016 | n/a | n/a | 2160 | 19945 |
| 61 | WasteServ Malta Ltd | €4,906.92 | €2,513.71 | NA | PP | Allocated msw waste - Jun 16 (1st half) | 01-07-16 | 66060 | n/a | n/a | 3040 | |
| 62 | WasteServ Malta Ltd | €4,510.42 | €2,513.71 | NA | PP | Allocated msw waste - Jun 16 (2nd half) | 15-07-16 | 66356 | n/a | n/a | 3040 | |
| | | **€47,186.51** | **€42,660.15** | | | | | | | | | |

**D**

**Income List for the month of July 2016** **01-08-16**

| **Code** | **Description** | **Amount** |
|---|---|---|
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €520.00 |
| 0025 | Skip Permit | €64.00 |
| 0026 | Crane Permit | €3,530.62 |
| 0027 | Kiosk Permit | €838.44 |
| 0028 | Outside Activity Permit | €18.65 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €69.90 |
| 0036 | Contraventions | €2,650.18 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €2.32 |
| 0121 | Advertising | €4,640.00 |
| 0125 | Trenching permits | €11.65 |
| 4006 | Contractors guarantees | €2,570.00 |
| | **TOTAL** | **€14,915.76** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 18234 |
| | To | 18535 |

**E**

**Purchase Order list for the month of July 2016** **01-08-16**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 04-07-2016 | 5531 | Lino Skip Services | Provision of skip at Triq San Pawl | €70.80 |
| 06-07-2016 | 5532 | Sammut Concrete Supplies | Concrete C20 - Pavement works in Triq San Pawl c/w Triq Profs AJ Arberry | €205.32 |
| 06-07-2016 | 5533 | IGB Hardware | Key Cutting, ramel, cement grey, zrar, xahx. | €37.50 |
| 07-07-2016 | 5534 | Logicpass | L-230 Terminal | €195.59 |
| 08-07-2016 | 5535 | Antoine Fenech Florist | Flowers for funeral, Mark Sant's mother 11/7/2016 Lija | €30.00 |
| 12-07-2016 | 5536 | Koptasin | Traffic miror | €106.10 |
| 12-07-2016 | 5536a | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €31.88 |
| 13-07-2016 | 5537 | Koptasin | traffic mirror & road sign | €78.40 |
| 13-07-2016 | 5538 | B Grima & Sons | doggy bins | |
| 13-07-2016 | 5539 | Lino Skip Services | Service of a skip in Triq Zenqa - cleaning of garden at Civic Centre | €70.80 |
| 15-07-2016 | 5540 | IGB Hardware | Plug, flash door lock, etc | €18.90 |
| 15-07-2016 | 5541 | Archway Ironmongery | 10 cable ties & 3mtrs plastic | €11.40 |
| 15-07-2016 | 5542 | COA Ink & Toner | toner front desk | €44.99 |
| 19-07-2016 | 5543 | CSD Office Trade | Stationery Supplies | |
| 19-07-2016 | 5544 | Island Insurance Brokers | Insurance Cover for Naxxar Local Council premises [period: 5/8/2016 till 4/8/2017] | €651.37 |
| 21-07-2016 | 5545 | DOI | List of monti hawkers advert | €9.32 |
| 25-07-2016 | 5546 | DOI | Jazz nights advert | €9.32 |
| 25-07-2016 | 5547 | CSD Office Trade | A3 white paper (5pkts) | €46.61 |
| 28-07-2016 | 5548 | DOI | Advert - Tender T02/2016 - Handymen Services | €9.32 |
| 28-07-2016 | 5549 | DLG | Advert - Tender T02/2016 - Handymen Services | €40.00 |
| 29-07-2016 | 5550 | PM Pace & Mercieca | 8 cork wall tiles & glue | €24.42 |
| | | | **Total** | **€1,692.04** |